Eżamijiet ta` Nofs is-Sena
Kulleġġ Maria Regina
Sena Skolastika 2015 / 2016

| Il-Ħames Sena | Studji Soċjali | Ħin: Siegħa |
| --- | --- | --- |

**Isem:** ______________________________

**Klassi:** _____________________________

**Skola:** ______________________________

**Total tal-Marki** | |

## IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA

**Eżerċizzju A: Aqta` min jien jew x'jien.** (5 x marka = 5 marki)

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-ħut jidħol jistkenn taħti. | |
| 2. | Jien kaxxa tal-injam fejn jistivaw il-ħut. | |
| 3. | Jien opra tal-baħar li għandi quddiem u wara ġej għal ponta . | |
| 4. | Raħal ewlieni tas-sajd f'Għawdex. | |
| 5. | Baga jew sufra biex is-sajjieda jagħrfu li hi l-kannizzata tagħhom. | |

**Eżerċizzju B: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**



1. F'liema torri jinsab iċ-Ċentru tal-Akkwakultura?

_______________________________________________

2. F' liema lokalita' jinsab iċ-Ċentru tal-Akkwakultura?

_______________________________________________

3. Xi tfisser il-kelma Akkwakultura?

_______________________________________________

_______________________________________________

4. F'dan iċ-ċentru jsir it-tkabbir tal-ħut. Barra dan it-tip ta' xogħol semmi xi jsir aktar f' dan iċ-ċentru?

_______________________________________________

5. X'inhu sajd bla rażan? _______________________________________________

_______________________________________________ ( 5 x 2 marki = 10 marki)

**Eżerċizzju Ċ: Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi timla n-numri minn 2 sa 11 fil-kolonna tan-nofs. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | Meta jkun il-maltemp | | hi l-iskuna. |
| 2. | Fil-gżejjer Maltin hawn aktar sajjieda | | jittieħed il-ħut kollu li jinqabad. |
| 3. | L-akbar opra tas-sajd li tintuża | | wieħed faċli. |
| 4. | Il-kannizzata hija magħmula minn | | nsibu l-lampuki u l-vopi. |
| 5. | Fil-pixkerija | | *part-time* milli *full-time*. |
| 6. | Ħafna dilettanti tas-sajd jistadu | | għodda li juża s-sajjied. |
| 7. | Marsaxlokk huwa wieħed | | sufri, xkejjer u weraq tal-palm. |
| 8. | Fost il-ħut li jaqbdu s-sajjieda Maltin | | l-kajjik. |
| 9. | Ix-xogħol tas-sajjied mhux | **1** | is-sajjied jagħmel xogħol ieħor fuq l-art. |
| 10. | Ix-xibka u n-nassa huma | | mill-irħula tas-sajd. |
| 11. | Opra oħra tal-baħar li tintuża għas-sajd hija | | bil-qasba. |

(10 x marka = 10 marki)



## IL-LOGĦOB OLIMPIKU

**Eżerċizzju D:**

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Żews | taż-żwiemel | qedem | Pierre de Coubertin | lanez |
| Olimpus | ma kinux | tlielaq | tar-rand | allat |



Il-Griegi tal-___________________ kienu jemmnu f'ħafna ___________________. Għall-Griegi, l-ikbar alla kien ________________. Skont l-istess Griegi, dawn l-allat kienu jgħixu fuq il-muntanja ____________________________.

Biż-żmien, il-Griegi bdew jorganizzaw logħob f'ġieħ dawn l-allat.

Fost il-logħob li bdew jorganizzaw insibu tiġrijiet _____________________, twaddib ta' __________________ u _______________________________.

F'dan il-logħob in-nisa ___________________________ jieħdu sehem. Ir-rebbieħa kienu jiġu nkurunati b'kuruna _______________________.

Biż-żmien il-logħob ma baqax isir sakemm fl-1861 reġa' beda jiġi organizzat mill-Baruni Franċiż, ____________________________________________.

(10 x marka = 10 marki)

**Eżerċizzju E(i):**

**Wieġeb:** (Total = 7 marki)

1. Kull meta jsir il-Logħob Olimpiku?

_______________________________________________ (marka)

2. Xi jfissru ċ-ċrieki tal-Bandiera Olimpika?

_______________________________________________ (2 marki)

3. X'inhu l-iskop tal-Logħob Olimpiku modern?

_______________________________________________ (2 marki)

4. Semmi 2 tipi ta' sport li jsiru fil-Logħob Olimpiku

____________________ ____________________ (2 marki)

**Eżerċizzju E (ii):** (5 x marka = 5 marki)

**Ikteb veru jew falz ħdejn kull sentenza. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-kelma obeżita` tfisser ħxuna jew xaħam żejjed. | **veru** |
| 2 | Meta moħħna jgħejja, wara ħin twil naħdmu, tajjeb li nieqfu nilagħbu xi logħba. | |
| 3 | L-aqwa ikel għal saħħitna huma *burgers*, ċips u ikel moqli fiż-żejt. | |
| 4 | Il-logħob jgħallimna nirrilassaw, nagħmlu ħbieb u nirbħu bilfors. | |
| 5 | Irridu nieklu dejjem dieta bilanċjata. | |
| 6 | Il-monopoli, iċ-ċess u l-passju huma tliet logħbiet tradizzjonali. | |

## Ezerċizzju F: Aqra din l-istorja qasira

Pierre u Neil huma żewġt iħbieb tal-qalb li jkunu dejjem flimkien. Iżda huma t-tnejn differenti ħafna. Pierre ma tantx jagħti kas saħħtu u jiekol ikel b'ħafna xaħam u żejt. Wara l-ikel dejjem ifittex xi ħaġa tal-ħelu. Jippreferi jilgħab xi logħba fuq il-kompjuter milli jmur xi mixja. Għandu l-problema tal-obeżita`. Neil mill-banda l-oħra huwa tifel sportiv, wara l-iskola jmur jiekol platt sustanzjuz u wara ommu twasslu għat-trejning.

**Aqra dawn il-kliem u poġġihom fil-kolonna t-tajba skont l-isem tat-tifel.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| *burgers* | jiġri bir-rota | ħelu | ċips |
| ħaxix u frott | nuqqas ta' eżerċizzju | *basketball* | ħut |



NEIL



PIERRE

| NEIL | PIERRE |
|---|---|
| 1. | 1. |
| 2. | 2. |
| 3. | 3. |
| 4. | 4. |

(8 x marka = 8 marki)

## MILL-GĦERIEN GĦALL-ISKYSKRAPERS

**Eżerċizzju Ġ: Il-bniedem fil-qedem. <u>Aqta sinjal taħt il-kelma t-tajba:</u>**

1. L-eqdem forma ta' kenn li kellu l-bniedem kienu (l-għerien, it-tempji, l-irziezet).
2. Il-bniedem miegħu kien iżomm ukoll xi (turisti, annimali, pjanti).
3. Nafu li f'(Għar ta' Betlehem, Għar ta' Kalipso, Għar Dalam) kienu jgħixu xi nies tal-qedem.
4. It-temperatura ġo għar tkun (bħal, ogħla minn, kontra) dik ta' barra.
5. Fil-qedem xi nies kienu joqogħdu wkoll ġo xi (għarix, mina, tinda).
6. Biex dawn il-postijiet ikunu aktar kennija kienu jingħalqu bi zkuk u (twapet, ġlud tal-annimali, purtieti).
7. Fir-(remissa, razzett, raff) il-bidwi Malti kien jgħix u jrabbi l-annimali.
8. Ħafna rziezet kien ikollhom (bitħa, bozza, lampa) kbira fin-nofs biex id-dawl jidħol fil-kmamar kollha.
9. Biex jistkennu meta jkunu fl-għelieqi, il-bdiewa Maltin kienu jibnu xi (garaxx, gallinar, girna).
10. Biex jifirdu l-għelieqi minn xulxin kienu jinbnew ħitan tal-ġebel (tal-qawwi, tas-sejjieħ, tat-tafal).



(10 x marka = 10 marki)

**Eżerċizzju G:**

**Imla l-vojt.**



L-għerien naturali huma mħaffrin fil-__________________. Fil-qedem, il-bniedem kien jgħix fihom u jżomm xi annimali miegħu.

Fl-istampa jidher Għar Dalam li jinsab qrib ir-raħal

ta'_____________________________________.

Hawn instabu ħafna ________________ li huma fdalijiet ta' għadam ta' annimali u fdalijiet li ħallew nies Neolitiċi li ġew Malta minn ____________________________.



L-Għerien li jidhru f'din l-istampa jinsabu fil-Fawwara, qrib ir-raħal tas-_______________________.

Sa ftit żmien ilu, xi nies kienu għadhom joqogħdu f'dawn l-għerien.

(5 x marka = 5 marki)

**Eżerċizzju ĠĦ: Imla l-vojt b'kelma li tagħmel sens.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **injam** | **vilel** | **sulari** | **bennej** | **flats** |
| **xorok** | **konkrit** | **franka** | **appartamenti** | **briks** |

Maż-żmien il-__________________________ Malti beda juża l-ġebla tal-___________________________________ biex jibni d-djar tiegħu. Għas-soqfa kienu jintużaw travi tal-_________________________ u bejniethom jitpoġġew ix-__________________________.

Dawn ukoll inbidlu għax minflok il-ġebla tal-franka beda juża aktar il-______________________ filwaqt li s-soqfa bdew isiru tal-__________________________________. Anke l-forma tad-djar bdiet tinbidel. Min għandu l-flus jibni djar kbar li jissejħu ______________________________ filwaqt li djar żgħar mibnija fuq xulxin jissejħu ____________________________________ jew _____________________________________.

Il-bini baqa' dejjem jogħla 'l fuq tant li llum għandna *skyscrapers* b'ħafna ______________________________. (10 x marka = 10 marki)

**TMIEM IL-KARTA**